**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta’ Gunju 2017

Rikors Nru : 486/16 AL

AB
VS
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-kontendenti iżżewġu fit-28 ta’ Ġunju tas-sena elf disa’ mija u sebgħa u disgħin (28-VI-1997) u liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta, hekk skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok MC1. Minn dan iż-żwieġ twieldet wild waħda, Nicole illi twieldet fis-sittax ta’ Diċembru tas-sena elfejn u sitta (16/12/2006).

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi hekk skont il-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok MC2.

Illi l-partijiet ilhom jgħixu ħajja separata mit-tletin ta' Settembru tas-sena elfejn u ħdax (30-IX-2011) u għalhekk  l-esponenti hija intitolata sabiex tapplika għad-divorzju;

Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u għal kull buon fini qiegħed jiġi hawn anness l-affidavit tal-kontendenti.

Illi ma hemm l-ebda problema għall-ħlas ta' manteniment dovut lill-intimat peress illi  r-rikorrenti m'għandhiex obbligu illi tħallas manteniment.  Illi, inoltre u għal kull buon fini jiġi dikjarat illi l-intimat qiegħed josserva l-obbligu tiegħu għall-ħlas tal-manteniment għall-minuri Nicole munizzjożament u kwindi m'hemm l-ebda ksur tal-obbligi illi l-intimat f' dan is-sens.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta;

Talbet  ghar-ragunijiet premessi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex  :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan jiġi irregistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha iddikjara :

Illi huwa ha konjizzjoni tal-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi u jaf illi r-rikorrenti bdiet proceduri ghal divorzju;

Illi huwa jaf illi hemm seduta fil-15 ta' Gunju, 2017;

Illi huwa ma jixtieqx jattendi s-seduti u huwa ma jridx jaghmel risposta;

Illi huwa ma joggezzjonax bl-ebda mod ghad-dikjarazzjoni ta' divorzju u hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, huwa ma joggezzjonax bl-ebda mod ghad-dikjarazzjoni ta' hall taz-zwieg ta' din l-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru 2016;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghas-seduta tal-15 ta' Gunju, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Lulju 2014 u ilhom de facto separati mit-30 ta' Settembru 2011;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.